**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 53/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Matthew Pace**

Illum, 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Matthew Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 55969M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Novembru, 2018, u fil-granet ta' qabel gewwa r-ristorant 'Uncle Matt's Kitchen', fi Triq ix-Xatt, Marsaskala:

> Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Jean Pierre Fava fil-pussess ta' hwejgu b'xi mod iehor kontra l-ligi, jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti sabet l-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u mmultatu multa kumplessiva ta' €25.00.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Matthew Pace, pprezentat fid-19 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tat-12 ta' Frar, 2019, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma setax jinstab ħati tar-reat ta' 'l hekk imsejjah *raggion fattasi* u dan peress illi l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita' ma jikkonfigurawx rwiehom mill-fattspecje tal-kaz, kif lanqas allura jista' jirrizulta l-element formali. Jinsisti wkoll illi huwa gie mharrek erronjament fil-vesti tieghu personali, izda kellu jigi mixli fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur tas-socjeta li tiggestixxi l-istabbiliment "Uncle Matt's Kitchen".

Illi sabiex jigu mistharrga l-aggravji mqanqla mill-appellant, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi d-disgwid inqala' bejn il-ko-litigandi meta l-parti leza Jean Pierre Fava li kien impjegat bhala kok gewwa r-ristorant bl-isem "Uncle Matt's Kitchen", immexxi mill-appellant iddecieda li jitlaq mill-impjieg tieghu u halla warajh diversi oggetti proprjeta tieghu, konsistenti fil-maggior parti taghhom fi skieken u ghodda ohra li tintuza gewwa kcina. Fil-fatt jirrizulta illi wara li Fava ta n-*notice* tiegħu minħabba kundizzjoni medika li kien qed isoffri minnha nhar it-8 ta' Ottubru 2018, jumejn wara u cioe' fl-10 ta' Ottubru 2018 huwa mar sabiex jiġbor l-affarijiet tiegħu mill-istess stabbiliment madankollu ġie nfurmat minn impjegat iehor, illi kellu ordni minn ta' fuqu sabiex ma jaghtuh xejn lura. Fost dawn l-affarijiet kien hemm set skieken 'scanpan' ġewwa pouch iswed bil-valur ta' €200, set skieken 'victorinox' fl-istess pouch bil-valur ta' €290, diversi skieken oħrajn mixtrija mingħand il-World Marketing u 'Catering Centre', microflare b'manku isfar, pellet knife tad-ditta ECB u l-

uniformi tax-Chef. Wara dan Fava bagħat ittra legali lill-appellant Matthew Pace bħala direttur tal-imsemmija kumpanija biex dawn l-oġġetti jiġu ritornati lura, izda billi l-appellant baqa' inadempjenti l-parti leza ghamel kwerela lil pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra tieghu. Il-pulizija għamlu diversi tentattivi sabiex ikellmu lill-appellant iżda dawn irriżultaw fin-negattiv u ghalhekk inħarrġet l-akkuża fit-termini ta'l-artikolu 85 fil-konfront tal-appellant.

L-appellant jichad l-akkuza migjuba kontra tieghu. Jishaq illi l-elementi tar-reat mahsub fl-artikolu 85 ma gewx ippruvati u inoltre li huwa gie mharrek erronjament fil-vesti tieghu personali.

Illi il-ġurisprudenza li titkellem dwar l-elementi ta' dritt li isawwru ir-reat ta' 'l hekk imsejjah *ragion fattasi* hija wahda kopjuza, u li giet esposta mill-qrati taghna *funditus* mal-medda taz-zmien. Dak li jilmenta minnu l-appellant izda huwa li mhux l-elementi kollha jirrizultaw ippruvati mill-fatti probatorji u dan ghaliex b'mod ewlieni l-att materjali kostituttiv ta' dan ir-reat u cioe' z-zamma ta'oggetti proprjeta' tal-parti leza Fava ma sarx bl-ezercizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi illi kellu fuq dawn l-oggetti. L-appellant fil-fatt jikkontendi illi huwa lanqas biss konxju tal-fatt illi Fava kien qed jippretendi jiehu lura l-oggetti tieghu, qatt ma avvicinah u sar jaf bl-ilment tieghu biss meta huwa gie notifikat bl-akkuza. Fil-fatt jidher mill-verbal ta'l-ahhar seduta illi llum l-appellant irritorna l-oggetti kollha appartenenti lil Fava u li dawn halliehom gewwa l-ghassa tal-pulizija minn fejn Fava irtirhom. Jirrizulta ukoll minn dan il-verbal illi l-parti leza rcieva lura dawn l-oggetti u li ma kienx fadallu ebda pretensjoni kontra l-appellant fir-rigward.

> **"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju .**
>
> **Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva**

**persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.[1]"**

**"Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' *ragion fattasi* jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"[2]**

Dan ghaliex:

**'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu[3]."**

Ikkunsidrat:

Illi kif inghad l-kontestazzjoni ewlenija tal-appellant tikkonċerna l-fatt illi fil-fehma tiegħu ma tressiqtx il-prova tal-*mens rea* u cioe' tal-intenzjoni doluza mehtiega sabiex jissussisti r-reat. Issa minn ezami tal-provi prodotti ghalkemm l-parti leza jinsisti illi huwa baghat ittra bl-avukat lill-appellant, u li dan beda jirrifjuta jirritornalu l-oggetti proprjeta tieghu, madanakollu minn imkien mill-provi ma jemergi illi l-appellant zamm dawn l-oggetti ghaliex kien qed jippretendi li ghandu xi jedd fuqhom. Ghal kuntrarju jirrizulta illi l-appellant qatt ma cahad illi dawn l-oggetti fil-fatt kienu ta'

[1] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002
[2] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15/11/1996
[3] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

Fava u mhux tieghu, tant illi spicca rritornahomlu fil-mori ta' dan l-appell. Ighid inoltre illi huwa qatt ma rrifjuta jaghti lura dawn l-oggetti lill-ex impjegat tieghu u li lanqas kien jinsab fuq il-post meta jumejn wara li telaq minn fuq il-post tax-xoghol Fava mar lura biex jiehu lura dawn l-oggetti. Ighid li huwa direttur tas-socjeta li tiggestixxi dan ir-ristorant li ghandha taht idejha diversi stabbilimenti ohra, u li hu ma jkunx fuq il-post. Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti ma kellhiex taghti affidament lil dak mistqarr mill-appellant, u li allura kellha temmen li verament hu kien qed jirrifjuta jirritorna dawn l-oggetti lill-parti leza, xortawahda mill-atti ma jirrizultax x'kien il-movent wara dan ir-rifjut u allura lanqas ma jirrizulta illi ir-rifjut kien marbut ma' xi jedd li l-appellant kien qed jippretendi li ghandu fuqhom, element mehtieg sabiex jirrizulta r-reat ta' *raggion fattasi.* Fuq kollox lanqas il-persuna li kellmet lil Fava u infurmatu li kellu istruzzjonijiet mill-appellant sabiex ma jaghtihx dawn l-oggetti ma jingieb biex jixhed u allura dak li jistqarr l-parti leza mhuwiex ghajr prova fuq kliem haddiehor biex b'hekk il-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova l-akkuza lil hinn minn kull dubbju. Dan iktar u iktar, kif ingahd, meta l-appellant jichad illi huwa hareg dawn l-istruzzjonijiet lill-impjegati tieghu.

Jerga jigi ribadit li mhuwiex bizzejjed sabiex tissussisti r-reita' illi tinġieb il-prova tal-att materjali waħdu iżda jinħtieġ ukoll il-prova illi l-awtur tar-reat ghandu din il-pretensjoni ta' jedd li hija waħda mill-elementi rikjesti għall-esekuzzjoni tar-reat. Kwindi dan l-aggravju imqanqal mill-appellant jisthoqqlu akkoljiment. Billi ghal dawn il-motivi l-appellant ser jigi lliberat mill-akkuza lilu addebitata, l-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tistharreg l-aggravji l-ohra kontenuti fir-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeceidi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Edwina Grima

Imħallef